**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 6 ta' April, 2017**

**Pulizija**

**Spettur Matthew Vella**

**Vs**

**Annabelle Camilleri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Annabelle Camilleri nee' Monreal, ta' 31 sena, bint Martin u rose Mary nee' Busuttil, imwielda Pieta' fit-18 ta' Mejju 1985, residenti f'Tas-Sellum Residence, Block 5, Appartament 521, Triq it-Tunnara, Mellieha u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 311185M;

Talli, f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Frar, 2010, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti , li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmlua b'risoluzzjoni wahda:

1) Iffalsifikat sigilli, timbri, jew marki ohra, li qieghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertifikaw fl-isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti, sew jekk ta' propjeta' pubblika jew private, jew li jkunu qeghdin taht il-garanzija pubblilka;

2) Talli, fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3) U aktar talli, fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni fi skrittura private, liema skrittura privata, setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

4) Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

5) Ukoll talli kisret il-provvediment tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446, meta kkommettiet reat iehor wara li nghatat sentenza fejn giet liberate taht kundizzjoni illi ma tikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 ta' Jannar 2009.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghet il-provi kollha;

**Ikkonsidrat:**

Illi dan il-kaz jittratta l-falsifikazzjoni ta' sigilli, timbri, u marki tal-Gvern, kif ukoll ta' falsifikazzjoni ta' atti kummercjali u ta' skritturi privati. Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari l-istqarrija rilaxxata volontarjament mill-istess imputata fid-19 ta' Marzu 2013, irrisulta ampjament ippruvat lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li fil-fatt l-imputata kienet iffalsifikat dokumenti li kienu jixbhu 'tender documents' tal-Gvern, iffalsifikat ukoll timbri tal-istess Gvern, u baghtet emails lilha nfisha li kienu suppost mibghuta minn persuni ohra, partikolarment suppost mibghuta minn

certu Lawrence Galea bhala impjegat mad-Dipartiment tal-Artijiet, u b'mod specjali suppost mibghuta minn Kate Gonzi, li dak iz-zmien kienet mart il-Prim Ministru ta' Malta. Dawn id-dokumenti falsifikati, it-timbri falsifikati, kif ukoll l-emails foloz, kienu kollha intizi biex jimpressjonaw lil Anton Cassar, negozjant minn Ghawdex, li dak iz-zmien kien is-sieheb tal-imputata. Dan kollu hu ammess minnha stess fl-istqarrija msemmija hawn fuq, esebita fl-atti bhala Dok JF4 a folio 75 tal-process.

Li kieku l-fatti tal-kaz waqfu hawn, il-Qorti kienet tahseb lid an il-kaz huwa wiehed ta' infatwazzjoni lejn persuna, u li ghalhekk l-imputata riedet biss taghti impressjoni skorretta lill-mahbub taghha tal-kwalitajiet u kapacitajiet taghha. Izda milli rrisulta mill-provi, ir-retroxena ta' dan il-kaz hija wahda hafna aktar komplessa. Anton Cassar kien mizzewweg lil Bella Cassar u flimkien dawn kellhom negozju tajjeb f'Ghawdex. F'dan l-istess zmien il-konjugi Cassar kienu qed jisseparaw minn xulxin, li milli jidher kienet separazzjoni odjuza hafna. Annabel Camilleri, mizzewga lil certu Victor Camilleri, saret taf lil Anton Cassar fis-sena 2009, u dawn bnew relazzjoni flimkien u kellhom ukoll tarbija. Tul is-snin, l-imputata kisbet il-fiducja ta' Cassar, tant li dan beda jaghtiha somom konsiderevoli ta' flus mill-kontijiet tal-kumpaniji tieghu ghall-kontijiet personali taghha jew ta' ommha, Rose Monreal. Fl-istqarrija taghha, l-imputata tghid li dawn il-flus kienu qed jinghataw lilha biex hi tamministrahom fin-negozju ta' Cassar u biex tevita d-diversi mandati tal-Qorti li kienu qed isiru fuq dan in-negozju minn Bella Cassar, li bdiet tara mhux biss iz-zwieg taghha jisfuma fix-xejn, izda anke l-kapital kummercjali taghha.

Ghalhekk, l-intenzjoni wara dawn id-dokumenti falsifikati u timbri tal-Gvern falsifikati tidher li kienet biex l-imputata tibqa' tgawdi mill-flus li kien qed ighaddilha Anton Cassar. Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni mhux biss huma kollha univoci, izda d-difiza, minkejja li inghatat aktar minn sena biex tressaq il-provi taghha, naqset milli tipproduci xhud wiehed, document wiehed, prova wahda jew spjegazzjoni wahda. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-imputata hatja, u bhala piena sejra taghti perijodu ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Illi wara li rat l-Artikoli 18, 172(1), 183, 187(1) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta,

Din il-Qorti, qieghda ssib lill-imsemmija imputata, Annabelle Camilleri, hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha u tikkundannaha ghal sentejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**